2024/2085

29.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2085

## tas-26 ta' Lulju 2024

## li jestendu l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-2 ta' April 2020, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent.

(2) Fit-2 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 [1], li ħatret lis-Sur Miroslav LAJČÁK bħala r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent.

(3) Il-mandat tar-RSUE ġie estiż bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2021/470 [2] u 2022/1240 [3] u ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2024.

(4) Il-mandat tar-RSUE jenħtieġ li jiġi estiż għal perjodu ulterjuri ta' ħames xhur u jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiġi aġġustat kif meħtieġ.

(5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sur Miroslav LAJČÁK huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent mit-2 ta' April 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

Il-mandat tas-Sur Miroslav LAJČÁK bħala r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2022.

Il-mandat tas-Sur Miroslav LAJČÁK bħala r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2024.

Il-mandat tas-Sur Miroslav LAJČÁK bħala r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent huwa estiż sal-31 ta' Jannar 2025.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/489 tat-2 ta' April 2020 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 105, 3.4.2020, p. 3).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/470 tat-18 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 96, 19.3.2021, p. 13).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1240 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 131).

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż jew jintemm qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

(2) fl-Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Jannar 2025 għandu jkun ta' EUR 6 650 000.";

(3) fl-Artikolu 13, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ, u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sal-1 ta' Jannar 2025.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

BÓKA J.